MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Numru. 578/2005

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)
vs
Joseph Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita numru 113667(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-29 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-4.00p.m. bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur ta' hwejjeg dokumenti LM10.70 fi flus kontanti u zewg credit cards 1) U.S. Bank Visa card 2) Tompins Visa Card ghad-dannu ta' Brian Sean Kelly minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAK 841 ta' ghamla Hyundai Getz li kienet ipparkata fi Triq l-Inginieri il-Belt Valletta, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu

41 (1) (a), 261 (b) (c), 263, 267, u 279 (b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma irregolari (Universal Pliers) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 64 (2) tal-Kap. 9 atl-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAK 841 ta' ghamla Hyundai Getz ghad-dannu ta’ Johann Camilleri, liema hsara tammonta ghal madwar LM28 bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat li huwa kellu jissorvelja sabiex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu fid-dmir li jimpedixxi bi ksur tal-Artikli 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija taqbad u tinkonfiska l-arma msemmija a tenur tal-Artikolu 344 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Wara illi l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jerga’ jahsibha u wissietu bil-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni skond il-Ligi, baqa’ isostni illi ried jirregistra ammissjoni;

Ghalhekk, il-Qorti issibu hati, wara li rat l-Artikolu 334, 325 (1) (c), 21, 17 (h), 261 (b), (c), 263, 267, 279, 141 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 13 u 19 tal-Kap. 66, u l-Artikolu 22 tal-Kap 446;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-hati ghandu fedina penali relattivament netta, ikkopera mal-pulizija, ghamel tajjeb ghall-hsarat illi ikkaguna u ghamel dak illi gahmel peress illi kien iddisprat ghall-flus peress illi bintu

ghandha bzonn kura medika barra minn Malta, ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala idoneja ghall-akkadut u tikkundannah multa ta' ghoxrin lira (LM 20) u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti tordna il-kommunika ta' din is-sentenza lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

Il-Qorti tordna il-konfiska tal-arma esebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------